# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 42**

**Avviz numru 499/98/SM**

**Stephen Axisa**

**vs**

**Marks Holdings Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Marzu ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socejta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas s-somma ta' disa mija u hamsa u tmenin Lira Maltin, (LM985.00,0), prezz miftiehem ghall-kuntatti mghotija, flus li riedu jingabru u pinna tad-deheb li ma gietx ritornata;**

2. **Bl-ispejjez u bl-imghax legali komprisi dawk ta' ittra ufficjali datata 14 ta' Novembru, 1997, u ittra interpellatorja datata 30 ta' Ottubru, 1997, u l-mandati ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment ma dan l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socejta' konvenuta datata s-26 ta' Gunju ta' l-1998 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda stante illi bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta ma kien hemm ebda relazzjoni guridika;**

2. **Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;**

3. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din l-istess qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi jirrizulta li l-attur Stephen Axisa u Mark Calleja tas-socjeta' konvenuta kienu jikkonducu negozju flimkien taht l-isem tad-ditta "Mark's Holdings";**

2. **Illi meta raw li ma setghux jkomplu joperaw flimkein qabbdu ditta ta' awdituri biex jillikwidaw l-intrapriza li kellhom bejniethom;**

3. **Illi permezz ta' skrittura privata datata z-19 ta' Dicembru ta' l-1996 l-imsemmija protagonisti StephenAxisa u Mark Calleja illikwidaw in-negozju taghhom skond il-kondizzjonijiet hemm patwiti senjatament:**

a. **Illi Axisa kellu jbiegh sehemm lil Mark Calleja;**

b. **Illi l-modalitajiet tal-pagament lil Mark Calleja kellhom ikunu s-segwenti:**

   i. **Illi minn LM3,606.00,0 dovuti minn diversi kredituri, Stephen Axisa kellu jiehu s-somma ta’ LM1833.00,0;**

   ii. **Illi mill-ammont indikat fil-paragrafu precedenti l-istess Axisa thallas l-ammont ta’ LM1243.00,0 immedjatament fl-iffirmar ta’ l-iskrittura;**

   iii. **Illi l-bilanc ta’ LM590.00,0 kellu jigi mhallas lil Axisa fi zmien xaharejn mid-data ta’ l-iskrittura fuq indikata;**

   iv. **Illi Calleja u Axisa kellhom jikkoperaw biex jigbru l-flus dovuti lis-socejta’ li kienu jiggestixxu flimkien;**

   v. **Illi Calleja ma kellu l-ebda obbligu li jhallas lil Axisa kemm-il darba ma jigbrux l-ammonti dovuti;**

c. **Illi l-attur kien ukoll dovut l-ammont ta’ LM125.00,0 rigwardanti depoziti futuri;**

d. **Illi Calleja hallas lil Axisa l-ammont ta’ LM1368.00,0 in piena sodisfazzjoni ta’ kull pretensjoni li Axisa kellu fl-istess ditta bl-eccezzjoni tal-LM590.00,0 riferiti fil-paragrafu b iii fuq riferit;**

**e. Illi inoltre qabblu li Calleja jindennizza lis-socjeta' Sanatech Limited nofs l-ammont tad-dazju dovut;**

**f. Illi m'ghandhom l-ebda pretenzjoni ulterjuri fil-konfront ta' xulxin;**

**g. Illi Mark Calleja akkwista d-dritt esklussiv li jezercita n-negozju taht l-isem ta' "Mark's Holdings";**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-attur isostni li tilef pinna tad-deheb fil-"warehouse" meta kien ghadu jahdem fis-socjeta' li giet likwidata permezz ta' l-iskrittura privata fuq riferita, liema pinna qatt ma giet ritornata lilhu;**

**Illi l-pinna de quo hi valutata li tiswa LM56.00,0;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-attur isostni li sar ftehim verbali quddiem certu Joe Gauci, accountant, li kellu jsir pagament ta' LM450.00,0;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi rigward l-ahhar allegazzjoni ta' pagament verbali ta' LM450.00,0 l-attur ma ressaq l-ebda prova u ghalhekk din il-qorti qed tichad din it-talba ta' l-attur;**

**Ikkondisrat:**

**Illi rigward il-pinna tad-deheb mitlufa mill-attur hu principju assodat li "*damnum sentit dominus*" u konsegwentement qed ukoll tichad din it-talba ta' l-attur;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi finalment jibqa' biex jigi deciz jekk l-attur ghandux dritt jinghata l-ammont ta' hames mija u disghin Lira Maltin, (LM590.00,0), minnhu reklamat f'din il-procedura, u dan ai termini ta' l-iskrittura datata z-19 ta' Dicembru ta' l-1996 fuq riferita;**

**Illi l-iskrittura de quo hija kuntratt vinkolanti bejn il-partijiet firmatarji ta' l-istess, senjatament bejn l-attur Axisa u l-ex kollega tieghu Mark Calleja;**

**Illi pero’ l-kawza odjerna hi indirizzata lejn is-socjeta’ Mark’s Holdings Limited li ma tirrizultax li hi vinkolata bil-kondizzjonijiet pattwiti bejn Axisa u Calleja;**

**Illi s-socjeta’ konvenuta hi persuna distinta minn dik ta’ Mark Calleja u l-attur messu ndirizza l-lanjanza tieghu f’direzzjoni differenti minn dik odjerna stante li s-socejta’ konvenuta tirrizulta ghal kollox estranea u m’ghandiex tigi akkollata b’responsabbilita’ fejn din mhix dovuta;**

**Ghaldaqstant, anke f’dan, tichad it-talba attrici u tikkundanna lill-attur ihallas l-ispejjez ta’ din il-procedura.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**